Fit-Tribunal Industrijali

Decizjoni nru. 1458

Fil-Kwistjoni tax-xoghol numru 1701

bejn

Matthew Camilleri

Vs

Maltapost plc

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngiusta

Illum, 12 ta' Dicembru, 2003.

Chairman: Dr Joseph P. Bonnici LL.D

**Introduzzjoni**

Illi b' ittra datata 29 ta' Awissu, 2002, l-appellant talab lil Onor. Vici Prim Ministru u Ministru tal-Politika Socjali jirreferi t-talba lil dan t-Tribunal ai termini tal-Kap 266, liema riferenza saret b' ittra datata 2 ta' Settembru.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

Illi fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, is-socjeta' intimata eccepiet li stante li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat avverat fl-4 ta' Jannar, 2002, il-kaz tieghu gie prezentat u 'fuori termine' l-erba' (4) xhur.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-Art 28 (3) tal-Kap 266 jipprefiggji terminu fatali ta' erba' (4) xhur sabiex impjegat jirrikorri lejn dan it-Tribunal meta jallega li tkecca ngiustament. Kif ritenut konstatentement dan il-perjodu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux prorogabbli u/jew interrompibbli. Josephine Attard Sultana, f' isem il- G.W.U tallega li kienet hi li baghtet l-ittra mehuda mix-xufier ta' Segretarju

Generali Joseph Ellul u moghtija lil messaggier Anthony Caruana tal-Ministeru tal-Politika Socjali. L-ittra datata 20 ta' Marzu, 2002 jidher minn naha tal-Ministeru li ma waslitx (Dok JAS 1). Dok JAS 2 hija l-firma ta' ricevuta tal- messaggier. X' gara wara, hija l-problema in ezami. Veru li fl-envelope maghluq il-kontenut ma kienx distinguibbli u skonoxxut.

Illi huwa inspjegabbli x' issuccieda fir-Registru tal-Ministeru. Qatt ma grat haga bhal din u ma tirrizultax mill-kotba taghhom. Pero'' jirrizulta li s-sistema attwali, ghalkemm funzjonabbli, ma kienx sigura sal-ahhar. Dana qed jinghad ghaliex hawn si tratta ta' materja kritika li tirrigwardja terminazzjoni tal-impjieg ta' haddiem u ghandhu jinstab mekkanizmu aktar modern u effikaci li jaghtu affidament ghan-notifika. Rinfaccjat b' din is-sitwazzjoni xejn cara u/ jew kristallizzata, u in vista tal-materja in ezami, it-Tribunal ihoss li ghandhu jikkoncedi l-beneficcju tad-dubju. Aktar u aktar meta l-istess persuna fic-centru tal-pendenza cioe' l-appellant, ma kellu l-ebda nvolviment u/jew kontroll fil-procedura. Element ta' dekadenza ghandhu jigi interpretat bl-aktar mod ristrett.

**Konkluzjoni**

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata relattivament ta' preskrizzjoni, u jordna l-prosegwiment tal-kwistjoni dwar il-meritu.

**AVV. JOSEPH P. BONNICI**
Chairman